**FIL-QORTI CIVILI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 322/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-Tlieta ta' Mejju, 1991 (Ara Dok.Aanness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tliet ulied u cioe' C li twieldet nhar il-15 ta' Marzu, 1992, D li twieldet nhar l-1 ta' Ottubru, 1993 u E li twieled nhar l-1 ta' Lulju, 2000.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separate b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Sean Critien mill-25 ta' Gunju, 2013 (Ara Dok.B anness) liema kuntratt gie emendat b'kuntratt fl-atti tal-istess nutar fit-12 ta' Mejju, 2015 (Ara Dok.C anness)

3. Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok.B, klawsola 2), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi stante li l-partijiet formalment iddikjaraw li huma ddekadew mid-dritt taghhom ghall-manteniment minghand xulxin, liema klawsola ma gietx emendate bil-kuntratt sussegwenti;

4. Illim'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn 4 snin mifrudin illum ghandhom hajja totalment separate minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet:-

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet fil-kawza *de quo* ilhom separate *de facto* oltre l-erba' snin rikjesti mil-ligi;
2. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-ebda manteniment ma hu dovut u ma jezistu l-ebda pendenzi fil-konfront ta' xulxin;
3. Illi l-esponenti tikkonferma li ma tezisti l-ebda prospett ragjonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;
4. Illi ghaldaqstant l-esponenti taqbel mat-talbiet tal-attur kif dedotti fir-rikors promotur, diment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom sseparati legalment ghal aktar minn erba' snin, skond kuntratt ta' separazzjoni tal-25 ta' Gunju, 2013, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien, hekk kif emendat b'kuntratt fl-atti tal-istess nutar fit-12 ta' Mejju, 2015.

Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**